IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.4.2023
COM(2023) 241 final

2023/0137 (CNS)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Din il-proposta tifforma parti minn pakkett u għandha l-għan li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv[1] (il-parti korrettiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir). Din hija akkumpanjata minn proposta biex jiġi ssostitwit ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika[2] (il-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir), kif ukoll permezz ta' proposta biex tiġi emendata d-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE tat-8 ta' Novembru 2011 dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri[3]. Għalhekk, il-pakkett għandu l-għan li jirriforma l-qafas fiskali tal-UE.

Fl-2011, biex jitqiesu t-tagħlimiet meħuda mill-kriżi finanzjarja globali u l-kriżi tad-dejn sovran taż-żona tal-euro, u bħala parti mill-pakkett magħruf bħala s-"Six-pack", ir-Regolament (KE) Nru 1466/97 ġie emendat bir-Regolament (UE) Nru 1175/2011[4], ir-Regolament (KE) Nru 1467/97 ġie emendat bir-Regolament (UE) Nru 1177/2011[5], u ġiet adottata d-Direttiva 2011/85/UE.

L-Artikolu 17a tar-Regolament Nru 1467/97 fih klawżola ta' rieżami li biha, kull 5 snin, il-Kummissjoni hija meħtieġa tippubblika rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament, biex tevalwa: (i) l-effettività tar-Regolament; (ii) il-progress li jsir sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politiki ekonomiċi u l-konverġenza sostnuta tal-prestazzjonijiet ekonomiċi tal-Istati Membri f'konformità mat-TFUE, li fejn xieraq ikun akkumpanjat minn proposta għal emendi tar-Regolament. Il-Kummissjoni wettqet rieżami tar-Regolament bħala parti mir-rieżami tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE li tnieda fi Frar 2020[6].

Ir-rieżami tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE kien ibbażat fuq konsultazzjoni estensiva ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati (istituzzjonijiet tal-UE, ċittadini, gvernijiet u parlamenti nazzjonali, sħab soċjali, istituzzjonijiet mhux governattivi u akkademiċi). Dan żvela għadd ta' punti forti, iżda wkoll serje ta' nuqqasijiet tal-qafas, b'mod partikolari kumplessità akbar, il-ħtieġa li jkun aktar effettiv fit-tnaqqis tad-dejn meta dan ikun għoli u jibni bafers għal xokkijiet futuri, u l-ħtieġa li jiġu aġġornati għadd ta' strumenti u proċeduri sabiex jiġu integrati t-tagħlimiet meħuda mir-reazzjonijiet ta' politika għal xokkijiet ekonomiċi riċenti, inkluża l-interazzjoni bejn ir-riformi u l-investiment taħt il-Faċilità għall-

1 ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.
2 ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
3 ĠU L 306, 23.11.2011, p. 41.
4 Ir-Regolament (UE) Nru 1175/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet tal-budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 12).
5 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1177/2011 tat-8 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 33).
6 Il-Komunikazzjoni COM(2020) 55 final tal-5 ta' Frar 2020 tal-Kummissjoni "Rieżami tal-governanza ekonomika Rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1173/2011, 1174/2011, 1175/2011, 1176/2011, 1177/2011, 472/2013 u 473/2013 dwar l-idoneità tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE".

Irkupru u r-Reżiljenza. Il-pakkett propost li jinkludi din il-proposta għandu l-għan li jindirizza dawn in-nuqqasijiet u jintegra dawk it-tagħlimiet.

Fil-Komunikazzjoni tagħha tad-9 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni ressqet l-orjentazzjonijiet tagħha għal riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE[7] bl-għan li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tad-dejn u jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri kollha. L-orjentazzjonijiet ipprevedew sjieda nazzjonali aktar b'saħħitha, qafas issimplifikat u pass lejn fokus akbar fuq terminu medju, flimkien ma' infurzar aktar b'saħħtu u aktar koerenti. Dawn l-orjentazzjonijiet irriflettew ukoll osservazzjonijiet li ħarġu mill-konsultazzjoni pubblika mnedija f'Ottubru 2021, li stiednet lil istituzzjonijiet oħrajn tal-UE u lill-partijiet ikkonċernati ewlenin kollha biex jinvolvu ruħhom fis-suġġett[8].

Abbażi tas-sejbiet tar-rieżami tal-governanza ekonomika u tal-konsultazzjoni pubblika mnedija f'Ottubru 2021, u abbażi tal-orjentazzjonijiet ippreżentati fil-Komunikazzjoni tad-9 ta' Novembru 2022, il-pakkett li jinkludi din il-proposta leġiżlattiva għandu l-għan li jagħmel il-qafas ta' governanza tal-UE aktar sempliċi, aktar trasparenti u effettiv, bi sjieda nazzjonali akbar u b'infurzar aħjar, filwaqt li jippermetti r-riforma u l-investiment u jnaqqas il-proporzjonijiet għoljin ta' dejn pubbliku b'mod realistiku, gradwali u sostnut. B'dan il-mod, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-qafas riformat għandu jgħin biex tinbena l-ekonomija ekoloġika, diġitali u reżiljenti tal-futur, filwaqt li jiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fl-Istati Membri kollha. Infurzar *ex post* aktar b'saħħtu jkun il-kontroparti meħtieġa ta' qafas ta' sorveljanza bbażat fuq ir-riskju li jipprovdi aktar flessibbiltà lill-Istati Membri biex jistabbilixxu l-perkorsi ta' aġġustament tagħhom.

Għalhekk, il-proposti ta' riforma huma ffurmati mil-livelli ogħla u aktar varjati ta' dejn pubbliku, il-ħtieġa li jiġu sostnuti livelli għoljin ta' investiment għal tranżizzjoni doppja ġusta (ekoloġika u diġitali), il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sigurtà tal-enerġija, l-awtonomija strateġika miftuħa, kif ukoll ir-reżiljenza soċjali u ekonomika, u l-ħtieġa ta' boxxla strateġika għas-sigurtà u għad-difiża.

B'mod partikolari, peress li l-parametru referenzjarju attwali għat-tnaqqis tad-dejn previst fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 1467/97 għall-Istati Membri bi proporzjon ta' dejn li jaqbeż il-valur referenzjarju ta' 60 % tal-prodott domestiku gross (PDG) (l-hekk imsejħa "regola 1/20") x'aktarx li jimplika, fiċ-ċirkostanzi attwali ta' proporzjonijiet għoljin ta' defiċit u ta' dejn wara l-COVID, sforz fiskali impenjattiv wisq bil-quddiem li jkollu impatt negattiv ħafna fuq it-tkabbir u b'hekk fuq is-sostenibbiltà tad-dejn innifsu, qiegħed jiġi propost li wieħed jimxi lejn qafas ta' sorveljanza aktar ibbażat fuq ir-riskju li jpoġġi s-sostenibbiltà tad-dejn fil-qalba tiegħu u jagħmel distinzjoni akbar bejn l-Istati Membri billi jqis l-isfidi tad-dejn pubbliku tagħhom, filwaqt li jaderixxi ma' qafas trasparenti u komuni tal-UE konsistenti mat-3 % tal-PDG u mal-valuri ta' referenza ta' 60 % tal-PDG tal-Protokoll Nru 12 dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness mat-Trattati.

Ir-regoli għall-ftuħ u għall-għeluq ta' proċedura ta' defiċit eċċessiv (PDE) għal ksur tal-valur referenzjarju ta' 3 % tad-defiċit tal-PDG (l-hekk imsejjaħ "PDE bbażat fuq id-defiċit") jibqgħu l-istess, b'xi aġġustamenti sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-PDE għal ksur tal-

---

7 Il-Komunikazzjoni COM(2022)583 final tad-9 ta' Novembru 2022 mill-Kummissjoni "dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE".

8 Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2022) 104 final tat-28 ta' Marzu 2022 "Konsultazzjoni pubblika online dwar ir-rieżami tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE - Sommarju tat-tweġibiet - Rapport Finali".

kriterju tad-dejn, li jiġi rikonoxxut ir-rwol ta' istituzzjonijiet fiskali indipendenti u li jiġu ċċarati każijiet ta' reċessjoni ekonomika severa fl-Unjoni jew fiż-żona tal-euro kollha kemm hi. Dan huwa element stabbilit sew tas-sorveljanza fiskali tal-UE li kien effettiv fl-influwenza tal-imġiba fiskali u li bis-saħħa tas-sempliċità tiegħu huwa mifhum sew minn dawk li jfasslu l-politika u mill-pubbliku ġenerali.

Il-PDE għal ksur tal-kriterju tad-dejn (l-hekk imsejħa "PDE bbażata fuq id-dejn") tissaħħaħ kemm għall-attivazzjoni kif ukoll għat-tħassir. Din tiffoka fuq it-tluq, mill-Istati Membri b'dejn ogħla minn 60 % tal-PDG, mill-perkors fiskali li l-Istat Membru impenja ruħu għalih u li ġie approvat mill-Kunsill skont ir-Regolament propost li jissostitwixxi l-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST).

Sfida sostanzjali tad-dejn pubbliku stabbilita skont l-aktar Monitoraġġ riċenti tas-Sostenibbiltà tad-Dejn għandha titqies bħala fattur ewlieni li jwassal għall-ftuħ ta' PDE bħala regola. Il-perkors taħt il-PDE fil-prinċipju jkun dak approvat oriġinarjament mill-Kunsill. F'każ li dan il-perkors oriġinali ma jibqax fattibbli, minħabba ċirkostanzi oġġettivi, il-Kummissjoni tista' tipproponi lill-Kunsill perkors emendat skont il-PDE.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta hija parti minn pakkett usa' ta' proposti b'segwitu għall-orjentazzjonijiet tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2022 għal riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE. Dan il-pakkett jinkludi wkoll proposta għal Regolament li jissostitwixxi l-parti preventiva tal-PST u proposta li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE. Il-pakkett għandu l-għan li jistabbilixxi qafas riformat li jibbaża fuq l-orjentazzjoni fuq terminu medju u s-sjieda nazzjonali bl-għan li jnaqqas b'mod kredibbli u sostanzjali l-livelli għoljin ta' dejn u li jippromwovi tkabbir sostenibbli u inklużiv. Il-qafas ta' governanza ekonomika riformat, għalhekk, iżomm l-objettivi fundamentali tad-dixxiplina baġitarja u l-promozzjoni tat-tkabbir tal-PST u d-dispożizzjonijiet fundamentali tiegħu fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Fl-istess ħin, billi jimmira lejn finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli kif ukoll il-promozzjoni tat-tkabbir, il-qafas riformat jissodisfa wkoll l-objettivi ewlenin tal-Patt Fiskali li jifforma t-Titolu III tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (TSKG)[9]. Barra minn hekk, elementi oħrajn tal-leġiżlazzjoni proposta jżommu s-sustanza tal-Patt Fiskali. B'orjentazzjoni fuq terminu medju ankrata fuq sfidi ta' dejn speċifiċi għall-pajjiż, il-proposta għal Regolament li jissostitwixxi l-parti preventiva tal-PST tirrifletti

9 Bl-għan li tissaħħaħ id-dixxiplina baġitarja matul iċ-ċiklu ekonomiku, fit-2 ta' Marzu 2012, 25 Stat Membru rratifikaw it-TSKG intergovernattiv. Fl-ewwel paragrafu tiegħu, l-Artikolu 2 tat-TSKG ifakkar li "*għandu jiġi applikat u interpretat mill-Partijiet Kontraenti f'konformità mat-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari mal-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u mal-liġi tal-Unjoni Ewropea, inkluża l-liġi proċedurali kull meta tkun meħtieġa l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni sekondarja.*". Fit-tieni paragrafu tiegħu, l-Artikolu 2 tat-TSKG ifakkar li "*għandu japplika sa fejn ikun kompatibbli mat-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea u mal-liġi tal-Unjoni Ewropea. Huwa ma għandux jinċidi fuq il-kompetenzi tal-Unjoni li tiehu azzjoni fil-qasam tal-unjoni ekonomik*". It-Titolu III tat-TSKG, il-"Patt Fiskali", huwa vinkolanti fuq l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u, fuq bażi volontarja, fuq Stati Membri oħrajn (it-TSKG, l-Artikolu 1(2) u 14(5)). L-Artikolu 16 tat-TSKG jipprevedi li "*Fi żmien ta' mhux aktar minn ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan it-Trattat, fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-esperjenza bl-implimentazzjoni tiegħu, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa, f'konformità mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-għan li s-sustanza ta' dan it-Trattat tiġi inkorporata fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea*"

parzjalment ir-rekwiżit tal-Patt Fiskali ta' konverġenza għal pożizzjonijiet fuq terminu medju li għandhom jiġu proposti filwaqt li jitqiesu r-riskji ta' sostenibbiltà speċifiċi għall-pajjiż (l-Artikolu 3(1), il-punt b tat-TSKG). Filwaqt li jenfasizza l-bilanċ strutturali, il-Patt Fiskali jirrikjedi wkoll analiżi tan-nefqa netta mill-miżuri diskrezzjonali tad-dħul għall-valutazzjoni ġenerali tal-konformità (l-Artikolu 3(1), il-punt b, tat-TSKG), u din l-analiżi hija sostnuta fil-proposta għal Regolament li jissostitwixxi l-parti preventiva tal-PST. Il-Patt Fiskali jippermetti devjazzjonijiet temporanji mill-objettiv ta' terminu medju jew mill-perkors ta' aġġustament lejh f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss (l-Artikolu 3(1), il-punt c, tat-TSKG), kif previst fil-proposta għal Regolament li jissostitwixxi l-parti preventiva tal-PST. Il-Patt Fiskali jistipula li, f'każ ta' devjazzjonijiet sinifikanti osservati mill-objettiv ta' terminu medju jew mill-perkors ta' aġġustament lejh, iridu jiġu implimentati miżuri biex jikkoreġu d-devjazzjonijiet fuq perjodu ta' żmien definit (l-Artikolu 3(1), il-punt e, tat-TSKG). Bl-istess mod, il-qafas riformat jirrikjedi korrezzjonijiet ta' devjazzjonijiet mill-perkors tan-nefqa netta stabbilit mill-Kunsill. Barra minn hekk, meta d-devjazzjonijiet jirriżultaw f'defiċit ta' aktar minn 3 % tal-PDG, l-Istat Membru jista' jitqiegħed taħt il-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Għal Stat Membru b'dejn ogħla minn 60 % tal-PDG, il-PDE bbażata fuq id-dejn tissaħħaħ: din tiffoka fuq it-tluq mill-perkors tan-nefqa netta, u tissostitwixxi r-"regola 1/20", li imponiet sforz fiskali impenjattiv wisq għal xi Stati Membri. Il-Patt Fiskali jassenja rwol ta' monitoraġġ tal-konformità mar-regoli tiegħu lill-istituzzjonijiet fiskali indipendenti nazzjonali, u d-dispożizzjonijiet dwar ir-rwol u l-indipendenza ta' dawk l-istituzzjonijiet ta' monitoraġġ, li kellhom jiġu dettaljati fi prinċipji komuni proposti mill-Kummissjoni[10] f'konformità mal-Artikolu 3(2) tat-TSKG, issa huma integrati bis-sħiħ fil-proposta li temenda d-Direttiva 2011/85. Il-Patt Fiskali jipprevedi li l-Kummissjoni u l-Kunsill ikollhom rwol fil-proċess ta' infurzar (l-Artikolu 5 tat-TSKG), kif iddikjarat f'din il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97.

L-aspetti komuni bejn il-Patt Fiskali u l-qafas ta' governanza ekonomika riformat jirriżultaw ukoll mill-implimentazzjoni tal-Patt Fiskali fl-ordnijiet ġuridiċi nazzjonali. Il-biċċa l-kbira tal-Partijiet Kontraenti ttrasponew id-dispożizzjonijiet tat-TSKG fil-liġijiet nazzjonali billi daħħlu rabta diretta mal-liġijiet korrispondenti tal-UE[11]. Dan japplika għall-objettiv ta' terminu medju u għall-perkors ta' konverġenza kif ukoll għall-valutazzjoni ta' devjazzjoni jew ta' dispożizzjonijiet sinifikanti li jirrikjedu li jiġu segwiti r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kunsill (kollha meħuda mir-Regolament Nru 1466/97).

Meta jitqiesu dawn l-affarijiet komuni, il-qafas ta' governanza ekonomika riformat propost jista' jitqies bħala li jinkorpora s-sustanza tad-dispożizzjonijiet fiskali tat-TSKG fil-qafas legali tal-UE, skont l-Artikolu 16 tat-TSKG.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija parti minn pakkett li għandu l-għan li jimxi lejn qafas komuni ta' sorveljanza tal-UE bbażat fuq ir-riskju li jiddistingwi bejn l-Istati Membri billi jqis l-isfidi tad-dejn pubbliku tagħhom. Dan jirrevedi l-qafas fiskali tal-UE billi jintegra l-objettivi fiskali, ta' riforma u ta' investiment fi pjan fiskali strutturali uniku u olistiku fuq terminu medju li se jkun il-pedament tal-qafas il-ġdid. Il-pjan se jinkludi r-riformi u l-impenji ta' investiment kollha meħuda mill-Istati Membri sabiex jindirizzaw l-isfidi identifikati fil-kuntest tas-

[10] Ara l-Komunikazzjoni COM(2012) 342 final tal-20 ta' Ġunju 2012 tal-Kummissjoni "Prinċipji komuni dwar mekkaniżmi nazzjonali ta' korrezzjoni fiskali".

[11] Ir-Rapport C(2017) 1201 finali tat-22 ta' Frar 2017 tal-Kummissjoni ppreżentat skont l-Artikolu 8 tat-TSKG.

Semestru Ewropew, inklużi r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Sett ta' dawn l-impenji ta' riforma u investiment jippermetti estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament fiskali diment li jissodisfaw ċerti kriterji bħat-tisħiħ tat-tkabbir (eżempji ta' tali riformi jinkludu l-indirizzar tal-isfidi tat-tixjiħ tal-popolazzjoni, it-titjib tal-funzjonament tas-suq tax-xogħol u ż-żieda fil-provvista tax-xogħol, l-inkoraġġiment tal-innovazzjoni u t-tisħiħ tal-ħiliet, it-titjib tal-ambjent tan-negozju[12], it-tneħħija tal-ostakli għas-Suq Uniku u l-indirizzar tad-dipendenzi strateġiċi), l-iżgurar tas-sostenibbiltà fiskali u l-konsistenza mal-prijoritajiet komuni tal-Unjoni.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal dan l-istrument hija t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 126(14) tat-TFUE, l-istess bħal għar-regolament emendat.

- **Sussidjarjetà**

Il-parti korrettiva tal-PST hija maħsuba biex tevita żbalji kbar fil-politiki baġitarji, li jistgħu jqiegħdu f'riskju s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u potenzjalment jipperikolaw l-UEM. Dan jissarraf fl-obbligu tat-Trattat għall-Istati Membri li jevitaw defiċits eċċessivi tal-gvern, li huma ddefiniti skont livell limitu numeriku għad-defiċit (3 % tal-PDG) u d-dejn (60 % tal-PDG jew li qegħdin jersqu biżżejjed lejh). Il-proċedura ta' defiċit eċċessiv li timplimenta l-projbizzjoni fuq id-defiċits eċċessivi tipprevedi sekwenza ta' passi, li, għall-pajjiżi taż-żona tal-euro, jinkludu l-impożizzjoni eventwali ta' sanzjonijiet finanzjarji. Il-proċedura ta' defiċit eċċessiv ġiet applikata b'mod regolari f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti, u b'hekk tikkontribwixxi għall-ankraġġ tal-aspettattivi tar-riżoluzzjoni ordnata tagħha.

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. L-objettiv tagħha, jiġifieri konformità uniformi mad-dixxiplina baġitarja kif meħtieġ mit-TFUE, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Din ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi segwiti mill-istrument.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta għandha l-għan li temenda Regolament tal-Kunsill, u għalhekk tieħu l-forma ta' proposta għal Regolament tal-Kunsill.

[12] Il-governanza tajba u r-rispett għall-istat tad-dritt, b'mod partikolari sistemi ġudizzjarji indipendenti, ta' kwalità u effiċjenti, sistemi tat-taxxa li jiffunzjonaw u effettivi, kif ukoll qafas tal-insolvenza effettiv u oqfsa robusti kontra l-korruzzjoni u kontra l-frodi huma determinanti ewlenin f'dan il-kuntest.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-valutazzjonijiet li jħarsu lura tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE ġew ippubblikati fi Frar 2020[13] u f'Ottubru 2021[14].

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Saru konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet ikkonċernati. Dawn kienu jikkonsistu fi:

- Konsultazzjoni online biex jinġabru l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati, tas-soċjetà ċivili u taċ-ċittadini. F'Marzu 2022, ġie ppubblikat rapport sommarju tal-eżitu ta' din il-konsultazzjoni[15].
- Saru diskussjonijiet tematiċi fil-fond mal-Istati Membri fil-Kunsill (ECOFIN), fil-Grupp tal-Euro, fil-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u fil-Kumitat tal-Politika Ekonomika.

Ir-riżultati ġew ikkunsidrati fil-Komunikazzjoni tad-9 ta' Novembru 2022 tal-Kummissjoni dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika[16], u f'din il-proposta.

Wara l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni tad-9 ta' Novembru 2022, saru diskussjonijiet ulterjuri mal-Istati Membri fil-Kunsill u mal-Parlament Ewropew, li tqiesu f'din il-proposta:

- Il-Parlament Ewropew adotta r-rapporti annwali tiegħu dwar is-Semestru Ewropew fil-15 ta' Marzu 2023 li ffukaw ukoll fuq ir-riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE u fuq il-futur tas-Semestru Ewropew.
- Il-Kunsill (ECOFIN) adotta Konklużjonijiet dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE fl-14 ta' Marzu 2023, li mbagħad ġew approvati mill-Kunsill Ewropew tat-23-24 ta' Marzu 2023.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta ngħatat deroga minn valutazzjoni tal-impatt abbażi ta' (i) nuqqas ta' għażliet peress li l-qafas fiskali tal-UE jistabbilixxi l-limiti tar-reviżjoni u (ii) enfasi fuq bidliet immirati li (iii) ma jirriżultawx f'żieda fir-rekwiżiti ta' rapportar għall-Istati Membri u (iv) jiġu infurmati b'attivitajiet ta' ġbir ta' evidenza mwettqa fil-passat reċenti (dokument ta' ħidma tal-persunal u Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni abbozzati bejn l-2020 u l-2022).

---

13 Il-Komunikazzjoni COM(2020) 55 final tal-5 ta' Frar 2020 tal-Kummissjoni "Rieżami tal-governanza ekonomika Rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1173/2011, 1174/2011, 1175/2011, 1176/2011, 1177/2011, 472/2013 u 473/2013 dwar l-idoneità tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE".

14 Il-Komunikazzjoni COM(2021) 662 final tad-19 ta' Ottubru 2021 mill-Kummissjoni "L-ekonomija tal-UE wara l-COVID-19: implikazzjonijiet għall-governanza ekonomika".

15 Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2022) 104 final tat-28 ta' Marzu 2022 "Konsultazzjoni pubblika online dwar ir-rieżami tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE - Sommarju tat-tweġibiet - Rapport Finali".

16 Il-Komunikazzjoni COM(2022)583 final tad-9 ta' Novembru 2022 mill-Kummissjoni "dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE".

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Jekk jiġu imposti multi fuq l-Istati Membri mill-Kunsill, id-dħul korrispondenti se jmur għall-baġit tal-UE bħala dħul ieħor. Għal dak il-għan, se tkun meħtieġa wkoll emenda tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju[17].

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Ir-Regolament emendat fih klawżola ta' rieżami li biha, kull 5 snin, il-Kummissjoni se tippubblika rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament. Ir-rapport se jirrieżamina: (i) l-effettività tar-Regolament; (ii) il-progress sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni iktar mill-qrib tal-politiki ekonomiċi u konverġenza sostnuta tal-prestazzjonijiet ekonomiċi tal-Istati Membri f'konformità mat-TFUE.

## 6. SPJEGAZZJONI FID-DETTALL TAD-DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1 tal-proposta fih il-modifiki proposti għar-Regolament Nru 1467/97.

Il-paragrafu (1) iżid definizzjonijiet ġodda mal-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1467/97 f'konformità mar-Regolament propost li jissostitwixxi l-parti preventiva tal-PST. Dan jibdel il-formulazzjoni tal-Artikolu 2 dwar avvenimenti mhux tas-soltu f'ċirkostanzi eċċezzjonali u jżid kontroreferenzi għar-Regolament propost li jissostitwixxi l-parti preventiva tal-PST. Dan jibdel l-operazzjonalizzazzjoni tal-kriterju tad-dejn tat-Trattat, filwaqt li jirrinunzja għar-"regola 1/20" u jiffoka fuq ir-rispett tal-perkors tan-nefqa netta stabbilit mill-Kunsill skont ir-Regolament propost li jissostitwixxi l-parti preventiva tal-PST. Dan ineħħi r-referenza għal deskrizzjoni kwantitattiva ta' reċessjoni ekonomika severa u minflok jirreferi għar-Regolament propost li jissostitwixxi l-parti preventiva tal-PST. Jissimplifika l-lista ta' fatturi rilevanti biex tittieħed deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Il-grad tal-isfidi tad-dejn ta' Stat Membru se jkun fattur rilevanti ewlieni fit-tħejjija ta' rapport skont l-Artikolu 126(3) tat-TFUE. B'mod partikolari, sfida sostanzjali tad-dejn pubbliku stabbilita skont l-aktar Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn riċenti għandha titqies bħala fattur ewlieni li jwassal għall-ftuħ ta' proċedura ta' defiċit eċċessiv bħala regola. F'każ ta' reċessjoni ekonomika severa, il-Kummissjoni u l-Kunsill, fil-valutazzjoni tagħhom, jistgħu jiddeċiedu li ma jikkonkludux dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv, f'konformità mal-approċċ segwit matul l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali matul il-kriżi tal-COVID-19. Fl-aħħar nett, id-dispożizzjonijiet li jirreferu għall-introduzzjoni ta' sistemi ta' pensjoni b'diversi pilastri jitneħħew.

Il-paragrafu (2) jagħmel pubbliċi l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju f'konformità mal-Artikolu 126(4) tat-TFUE, u d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 126(6) u l-Artikolu 126(7) tat-TFUE. Jistabbilixxi r-

[17] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

rekwiżiti tal-perkors tan-nefqa netta korrettiva stabbilit f'rakkomandazzjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 126(7) tat-TFUE, li d-defiċit jibqa' jew jinġieb u jinżamm taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG u li d-dejn jitqiegħed fuq perkors 'l isfel b'mod plawżibbli jew jinżamm f'livell prudenti. Għas-snin meta d-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jaqbeż il-valur referenzjarju, jinżamm aġġustament annwali minimu ta' mill-inqas 0,5 % tal-PDG bħala parametru referenzjarju. Dan iżid obbligu għall-Istati Membri biex jinkludu fir-rapport tagħhom dwar azzjoni effettiva l-opinjoni tal-istituzzjoni fiskali indipendenti tagħhom. Fl-aħħar nett, dan jistipula li ċirkostanzi eċċezzjonali u reċessjoni ekonomika severa fiż-żona tal-euro jew fl-Unjoni kollha jippermettu lill-Kunsill jestendi l-iskadenza għall-korrezzjoni.

Il-paragrafu (3) ineħħi d-dispożizzjonijiet dwar il-pubblikazzjoni possibbli tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) tat-TFUE, peress li, f'konformità mal-paragrafu (2), din il-pubblikazzjoni ssir awtomatika. Dan iżid li d-deċiżjonijiet mill-gvern mhux biss għandhom jitħabbru pubblikament iżda wkoll ikunu dettaljati biżżejjed sabiex jiġu inklużi fil-valutazzjoni ta' azzjoni effettiva.

Il-paragrafu (4) jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-perkors tan-nefqa netta korrettiva stabbilit f'Deċiżjoni tal-Kunsill biex jingħata Avviż f'konformità mal-Artikolu 126(9) tat-TFUE, li d-defiċit jibqa' jew jinġieb u jinżamm taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG u li d-dejn jitqiegħed fuq perkors 'l isfel b'mod plawżibbli jew jinżamm f'livell prudenti. Għas-snin meta d-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jaqbeż il-valur referenzjarju, jinżamm aġġustament annwali minimu ta' mill-inqas 0,5 % tal-PDG bħala parametru referenzjarju. Dan jistipula wkoll li ċirkostanzi eċċezzjonali u reċessjoni ekonomika severa fiż-żona tal-euro jew fl-Unjoni kollha jippermettu lill-Kunsill jestendi l-iskadenza għall-korrezzjoni.

Il-paragrafu (5) iżid li d-deċiżjonijiet mill-gvern mhux biss għandhom jiġu mħabbra pubblikament iżda għandhom ikunu wkoll dettaljati biżżejjed sabiex jiġu inklużi fil-valutazzjoni ta' azzjoni effettiva wara avviż mogħti mill-Kunsill skont l-Artikolu 126(9) tat-TFUE.

Il-paragrafu (6) iżid il-kundizzjonijiet biex il-Kunsill iħassar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv skont l-Artikolu 126(12) tat-TFUE. Skont il-qafas fiskali attwali, dawk huma stipulati biss f'Kodiċi ta' Kondotta.

Il-paragrafu (7) u (8) jikkompletaw ir-referenzi eżistenti għall-Artikoli rilevanti tat-TFUE.

Il-paragrafu (9) jipprevedi li l-missjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni fl-Istati Membri jippermettu wkoll skambju mal-partijiet ikkonċernati rilevanti minbarra l-awtoritajiet nazzjonali, inklużi l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti. Dan jirrikjedi wkoll li l-Kummissjoni twettaq missjonijiet ta' sorveljanza dedikati fl-Istati Membri li ngħataw avviż mill-Kunsill skont l-Artikolu 126(9) tat-TFUE, u jipprevedi li, f'dak il-kuntest u fuq stedina mill-parlament tal-Istat Membru konċernat, il-Kummissjoni tista' tippreżenta l-valutazzjoni tagħha tas-sitwazzjoni ekonomika u fiskali fl-Istat Membru.

Il-paragrafu (10) ineħħi l-ammont minimu għall-multi u jipproponi li jakkumulaw kull 6 xhur sakemm tittieħed azzjoni effettiva, sa massimu ta' 0,5 % tal-PDG.

Il-paragrafu (11) jikkompleta r-referenzi eżistenti għall-Artikoli rilevanti tat-TFUE.

Il-paragrafu (12) ineħħi l-artikolu li jassenja d-dħul tal-multi lill-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja. Jekk jiġu imposti multi, id-dħul tagħhom imur fil-baġit tal-UE, bħal dħul ieħor.

Għal dak il-għan, se tkun meħtieġa wkoll emenda tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. Il-paragrafu (12) ineħħi wkoll id-dispożizzjonijiet relatati mar-Renju Unit wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea.

Il-paragrafu (13) jemenda l-klawżola ta' rieżami.

Il-paragrafu (14) iżid dispożizzjonijiet tranżitorji.

Il-paragrafu (15) ineħħi l-anness bid-dispożizzjonijiet relatati mar-Renju Unit.

L-Artikolu 2 jistipula d-dħul fis-seħħ u l-applikabbiltà tar-Regolament emendatorju.

2023/0137 (CNS)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 126(14), it-tieni subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri fl-Unjoni, kif stipulat mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), twassal għal konformità mal-prinċipji ta' gwida ta' prezzijiet stabbli, finanzi pubbliċi u kondizzjonijiet monetarji sodi u bilanċi tal-pagamenti sostenibbli.

(2) Il-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni, li jinkludi sistema elaborata ta' koordinazzjoni tal-politika u sorveljanza tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri, iggwida lill-Istati Membri biex jilħqu l-objettivi tal-politika ekonomika u fiskali tagħhom. Mit-Trattat ta' Maastricht tal-1992, il-qafas għen biex tinkiseb konverġenza makroekonomika, biex jiġu ssalvagwardjati finanzi pubbliċi sodi u biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi. Flimkien ma' politika monetarja komuni u munita komuni fiż-żona tal-euro, il-qafas ħoloq kundizzjonijiet għall-istabbiltà ekonomika, it-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv u żieda fl-impjiegi għaċ-ċittadini tal-Unjoni.

(3) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST), li inizjalment kien jikkonsisti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97[2], ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997[3] u r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar il-PST[4], huwa bbażat fuq l-objettiv ta' finanzi tal-gvern sodi u sostenibbli bħala mezz biex jissaħħu l-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli u

---

1 ĠU C , , p. .

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1).

3 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6).

4 Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir Amsterdam, 17 ta' Ġunju 1997 (ĠU C 236, 2.8.1997, p. 1).

inkluživ b'saħħtu bbażat fuq l-istabbiltà finanzjarja, u b'hekk jiġi appoġġat l-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni għat-tkabbir sostenibbli u għall-impjiegi.

(4) Fit-tielet stadju tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM), l-Istati Membri huma, skont l-Artikolu 126(1) tat-TFUE, taħt l-obbligu li jevitaw defiċits tal-gvern eċċessivi.

(5) Il-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi adattat biex iqis aħjar l-eteroġeneità dejjem akbar tal-pożizzjonijiet fiskali, ir-riskji għas-sostenibbiltà u vulnerabbiltajiet oħrajn madwar l-Istati Membri. Ir-rispons politiku qawwi għall-pandemija tal-COVID-19 wera li kien effettiv fil-mitigazzjoni tad-dannu ekonomiku u soċjali tal-kriżi, iżda rriżulta f'żieda sinifikanti fil-proporzjonijiet tad-dejn tas-settur pubbliku u privat, u dan jenfasizza l-importanza tat-tnaqqis tal-proporzjonijiet tad-dejn għal livelli prudenti b'mod gradwali, sostnut u favorevoli għat-tkabbir u għall-indirizzar tal-iżbilanċi makroekonomiċi, filwaqt li tingħata attenzjoni xierqa lill-objettivi tal-impjiegi u soċjali. Fl-istess ħin, il-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi adattat biex jgħin fl-indirizzar tal-isfidi fuq terminu medju u twil li qed tiffaċċja l-Unjoni, inkluż il-kisba ta' tranżizzjoni diġitali u ekoloġika ġusta, inkluża l-Liġi dwar il-Klima[5], l-iżgurar tas-sigurtà tal-enerġija, l-awtonomija strateġika miftuħa, l-indirizzar tat-tibdil demografiku, it-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u ekonomika, u l-implimentazzjoni tal-boxxla strateġika għas-sigurtà u għad-difiża, li kollha kemm huma jeħtieġu riformi u livelli għoljin sostnuti ta' investiment fis-snin li ġejjin.

(6) Il-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni jenħtieġ li jqiegħed is-sostenibbiltà tad-dejn u t-tkabbir sostenibbli fil-qalba tiegħu u għalhekk jiddistingwi bejn l-Istati Membri billi jqis l-isfidi tad-dejn pubbliku tagħhom u jippermetti trajettorji fiskali speċifiċi għall-pajjiż.

(7) Fl-istess ħin, sabiex jiġi żgurat qafas trasparenti u komuni tal-Unjoni bbażat fuq il-valuri ta' referenza msemmija fl-Artikolu 126(2) tat-TFUE u l-Protokoll Nru 12 dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness mat-TFUE u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), infurzar aktar b'saħħtu li jsostni s-sorveljanza multilaterali jenħtieġ li jkun il-kontroparti meħtieġa ta' qafas ta' sorveljanza bbażat fuq ir-riskju li jippermetti trajettorji fiskali speċifiċi għall-pajjiż.

(8) Sabiex jiġi ssimplifikat il-qafas fiskali tal-Unjoni u tiżdied it-trasparenza, indikatur operazzjonali uniku ankrat fis-sostenibbiltà tad-dejn jenħtieġ li jservi bħala bażi għall-istabbiliment tal-perkors fiskali u għat-twettiq ta' sorveljanza fiskali annwali għal kull Stat Membru. Dak l-indikatur uniku jenħtieġ li jkun ibbażat fuq in-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali, jiġifieri n-nefqa netta mill-miżuri tad-dħul diskrezzjonali u li teskludi n-nefqa fuq l-imgħax kif ukoll in-nefqa ċiklika fuq il-qgħad u n-nefqa fuq programmi tal-Unjoni li tkun totalment rikonċiljata mill-fondi tal-Unjoni. Dan l-indikatur jippermetti l-istabbilizzazzjoni makroekonomika peress li ma huwiex affettwat mill-operat ta' stabbilizzaturi awtomatiċi, inklużi fluttwazzjonijiet tad-dħul u tal-infiq barra mill-kontroll dirett tal-gvern.

(9) Il-proċedura ta' defiċit eċċessiv (EDP) għal ksur tal-valur referenzjarju tad-defiċit ta' 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) ("PDE bbażata fuq id-defiċit"), imsemmija fl-Artikolu 126(2) tat-TFUE u fil-Protokoll Nru 12 hija element stabbilit sew tal-qafas ta'

---

5 Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima tistabbilixxi objettiv ta' newtralità klimatika għall-Unjoni kollha sal-2050 u tirrikjedi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri jagħmlu progress fit-tisħiħ tal-kapaċità adattiva, li tirrikjedi investiment pubbliku sinifikanti biex jitnaqqsu l-impatti soċjoekonomiċi negattivi tat-tibdil fil-klima fuq l-UE u fuq l-Istati Membri tagħha, inklużi l-impatti negattivi fuq it-tkabbir u s-sostenibbiltà fiskali.

sorveljanza fiskali tal-Unjoni li kien effettiv fl-influwenzar tal-politika fiskali fl-Istati Membri.

(10) Sabiex tissaħħaħ il-PDE għal ksur tal-kriterju tad-dejn ta’ 60 % tal-PDG (“PDE bbażata fuq id-dejn”), imsemmija fl-Artikolu 126(2) tat-TFUE u fil-Protokoll Nru 12, l-enfasi jenħtieġ li tkun fuq it-tluq mill-perkors fiskali stabbilit mill-Kunsill skont ir-Regolament (UE) […] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6].

(11) Abbażi tal-Artikolu 126(2) tat-TFUE, il-kriterju tad-defiċit jiġi ssodisfat ukoll meta l-eċċess fuq il-valur referenzjarju ta’ 3 % tal-PDG ikun biss eċċezzjonali u temporanju u l-proporzjon jibqa’ qrib il-valur referenzjarju. Għalhekk, ksur temporanju li jibqa’ qrib il-valur referenzjarju jenħtieġ li ma jwassalx għall-ftuħ ta’ PDE bbażata fuq id-defiċit jekk jirriżulta minn ċirkostanzi eċċezzjonali barra mill-kontroll tal-gvern b’impatt kbir fuq il-finanzi pubbliċi tal-Istat Membru konċernat, li jinkludi reċessjoni ekonomika severa fl-Istat Membru konċernat.

(12) Barra minn hekk, f’każ ta’ reċessjoni ekonomika severa fiż-żona tal-euro jew fl-Unjoni kollha kemm hi, u wara l-applikazzjoni tal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) [dwar il-parti preventiva], il-Kummissjoni u l-Kunsill jistgħu jiddeċiedu li ma jikkonkludux dwar l-eżistenza ta’ defiċit eċċessiv.

(13) F’konformità mal-Artikoli 24 u 25 tar-Regolament (UE) [dwar il-parti preventiva], il-Kunsill, wara rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jista’ jippermetti lill-Istati Membri jiddevjaw mill-perkors tan-nefqa netta stabbilit mill-Kunsill skont dak ir-Regolament f’każ ta’ reċessjoni ekonomika severa fiż-żona tal-euro jew fl-Unjoni kollha kemm hi, jew fil-każ ta’ ċirkostanzi eċċezzjonali barra mill-kontroll tal-gvern b’impatt kbir fuq il-finanzi pubbliċi tal-Istat Membru konċernat, diment li dan ma jipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju. B’konsegwenza ta’ dan, tali devjazzjoni jenħtieġ li ma twassalx għall-ftuħ ta’ PDE bbażata fuq id-dejn.

(14) Meta tivvaluta l-eżistenza ta’ defiċit eċċessiv f’konformità mal-Artikolu 126(3) tat-TFUE, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis, bħala fattur rilevanti ewlieni, il-grad ta’ sfida tad-dejn fl-Istat Membru kkonċernat. Sfida sostanzjali tad-dejn pubbliku stabbilita skont l-aktar Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn riċenti jenħtieġ li titqies bħala fattur ewlieni li jwassal għall-ftuħ ta’ PDE bħala regola. Billi, f’konformità mal-Artikolu 126(3) tat-TFUE, il-Kummissjoni għandha tqis il-fatturi rilevanti l-oħrajn kollha, sa fejn dawn jaffettwaw b’mod sinifikanti l-valutazzjoni tal-konformità mal-kriterji tad-defiċit u tad-dejn mill-Istat Membru konċernat, dan jenħtieġ li jinkludi b’mod partikolari l-iżviluppi fil-pożizzjoni ekonomika fuq perjodu ta’ żmien medju u l-iżviluppi fil-pożizzjoni baġitarja fuq perjodu ta’ żmien medju, u l-implimentazzjoni ta’ riformi strutturali u investiment. Sabiex tiżdied is-sjieda nazzjonali, l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti msemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill [dwar l-oqfsa baġitarji nazzjonali][7], jenħtieġ li jipprovdu opinjoni dwar il-fatturi rilevanti.

(15) Sabiex jinżamm rendikont tad-devjazzjonijiet annwali attwali u ppjanati mill-perkors tan-nefqa netta kif stabbilit fl-Anness IV tar-Regolament (UE) [dwar il-parti preventiva], jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi kont ta’ kontroll għal kull Stat

[6] Ir-Regolament (UE) […] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta’ […] [dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali] (ĠU L …, …, p.…).

[7] Id-Direttiva tal-Kunsill […] ta’ […] [li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri] (ĠU L …, …, p.…).

Membru li jiġbor dawk id-devjazzjonijiet matul iż-żmien. L-informazzjoni fil-kont ta' kontroll jenħtieġ li tkun il-bażi ta' azzjonijiet ta' infurzar, b'mod partikolari ta' rapport skont l-Artikolu 126(3) tat-TFUE wara devjazzjoni mill-perkors tan-nefqa netta. Fl-istess ħin, il-grad ta' ambizzjoni tal-perkors tan-nefqa netta fil-pjan fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju msemmi fir-Regolament (UE) [dwar il-parti preventiva] jenħtieġ li jiġi kkunsidrat meta tittieħed deċiżjoni dwar il-ftuħ ta' PDE bbażata fuq id-dejn. B'mod partikolari, jekk il-perkors tan-nefqa netta tal-Istat Membru stabbilit mill-Kunsill ikun aktar ambizzjuż mit-trajettorja teknika fuq terminu medju mressqa mill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament (UE) [dwar il-parti preventiva] u d-devjazzjoni mill-perkors ma tkunx sinifikanti meta titkejjel skont din it-trajettorja, il-ftuħ ta' proċedura ta' defiċit eċċessiv jenħtieġ li jiġi evitat.

(16) Il-perkors tan-nefqa netta korrettiva skont il-PDE jenħtieġ li jġib jew li jżomm id-defiċit tal-gvern estiż b'mod durabbli taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG imsemmi fl-Artikolu 126(2) tat-TFUE u l-Protokoll Nru 12 sal-iskadenza stabbilita mill-Kunsill. Il-perkors tan-nefqa netta korrettiva skont il-PDE jenħtieġ li jiżgura wkoll progress suffiċjenti matul il-perjodu kopert mir-rakkomandazzjoni rigward it-tqegħid tal-proporzjon tad-dejn imbabssar fuq perkors ta' tnaqqis b'mod plawżibbli jew li jibqa' f'livell prudenti. Meta jistabbilixxi l-perkors tan-nefqa netta korrettiva skont il-PDE, il-Kunsill jenħtieġ li jiżgura wkoll li ma jkunx hemm konċentrazzjoni lejn tmiem il-perjodu tal-isforz meħtieġ ta' aġġustament fiskali. Il-perkors tan-nefqa netta korrettiva skont il-PDE fil-prinċipju jkun dak stabbilit oriġinarjament mill-Kunsill, filwaqt li titqies il-ħtieġa li tiġi kkoreġuta d-devjazzjoni minn dak il-perkors. F'każ li l-perkors oriġinali ma jibqax fattibbli, minħabba ċirkostanzi oġġettivi, il-Kummissjoni jenħtieġ li jkun jista' jistabbilixxi perkors differenti skont il-PDE.

(17) Għall-Istati Membri taħt PDE, il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jenħtieġ li jkompli jkun jista' jestendi l-iskadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv meta jistabbilixxi l-eżistenza ta' reċessjoni ekonomika severa fiż-żona tal-euro jew fl-Unjoni kollha f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) [dwar il-parti preventiva], jew fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali barra mill-kontroll tal-gvern b'impatt kbir fuq il-finanzi pubbliċi ta' Stat Membru individwali u diment li dan ma jipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju. Tali estensjoni jenħtieġ li tirrikjedi li d-daqs ġenerali tax-xokk jaqbeż firxa normali, pereżempju, il-kostijiet tad-diżastri naturali jenħtieġ li jiġu antiċipati fi ħdan firxiet partikolari ta' valuri.

(18) Id-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 relatati mal-kontribuzzjonijiet għas-sistemi tal-pensjonijiet tat-tieni pilastru jenħtieġ li jitħassru peress li l-perkors tan-nefqa netta stabbilit mill-Kunsill diġà jenħtieġ li jqis it-telf tad-dħul relatat ma' tali kontribuzzjonijiet.

(19) L-istituzzjonijiet fiskali indipendenti wrew il-kapaċità tagħhom li jrawmu d-dixxiplina fiskali u jsaħħu l-kredibbiltà tal-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri. Sabiex tissaħħaħ is-sjieda nazzjonali, ir-rwol tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti, li tradizzjonalment għandhom il-mandat jimmonitorjaw il-konformità mal-qafas nazzjonali, jenħtieġ li jiġi estiż għall-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni.

(20) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ċari għat-tħassir ta' proċeduri ta' defiċit eċċessiv. It-tħassir jenħtieġ li jirrikjedi li d-defiċit jibqa' b'mod kredibbli taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG imsemmi fl-Artikolu 126(2) tat-TFUE u fil-Protokoll Nru 12 u, għal PDE bbażata fuq id-dejn, li l-Istat Membru juri konformità mal-perkors tan-nefqa netta skont il-PDE.

(21) Il-multi previsti fl-Artikolu 126(11) tat-TFUE jenħtieġ li ma jipprevedux ammont minimu iżda jenħtieġ li jakkumulaw sakemm tittieħed azzjoni effettiva, sabiex jikkostitwixxu inċentiv reali għall-konformità mal-avviżi mogħtija lill-Istati Membri skont il-PDE f'konformità mal-Artikolu 126(9) tat-TFUE.

(22) Id-dispożizzjonijiet relatati mar-Renju Unit jenħtieġ li jitħassru.

(23) Dan ir-Regolament huwa parti minn pakkett flimkien mar-Regolament (UE) [dwar il-parti preventiva] u d-Direttiva (UE) […] li temenda 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri. Flimkien, dawn jistabbilixxu qafas ta' governanza ekonomika riformat tal-Unjoni li jinkorpora fid-dritt tal-Unjoni s-sustanza tat-Titolu III "Patt Fiskali" tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza (TSKG) fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja[8], f'konformità mal-Artikolu 16 tiegħu. Billi jibni fuq l-esperjenza mill-implimentazzjoni tat-TSKG mill-Istati Membri, il-pakkett iżomm l-orjentazzjoni ta' terminu medju tal-Patt Fiskali bħala għodda biex jinkisbu d-dixxiplina baġitarja u l-promozzjoni tat-tkabbir. Il-pakkett jinkludi dimensjoni msaħħa speċifika għall-pajjiż immirata lejn it-tisħiħ tas-sjieda nazzjonali, inkluż permezz ta' rwol aktar b'saħħtu għall-istituzzjonijiet fiskali indipendenti, li jibbaża fuq il-prinċipji komuni tal-Patt Fiskali proposti mill-Kummissjoni[9] f'konformità mal-Artikolu 3(2) tat-TSKG. L-analiżi tan-nefqa netta mill-miżuri ta' dħul diskrezzjonali għall-valutazzjoni ġenerali tal-konformità meħtieġa mill-Patt Fiskali hija stabbilita fir-Regolament (UE) [dwar il-parti preventiva]. Bħal fil-Patt Fiskali, devjazzjonijiet temporanji mill-pjan ta' terminu medju huma permessi biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali fir-Regolament (UE) [dwar il-parti preventiva]. Bl-istess mod, f'każ ta' devjazzjonijiet sinifikanti mill-pjan ta' terminu medju, jenħtieġ li jiġu implimentati miżuri biex jiġu kkoreġuti d-devjazzjonijiet fuq perjodu ta' żmien definit. Il-pakkett isaħħaħ is-sorveljanza fiskali u l-proċeduri ta' infurzar biex jitwettaq l-impenn li jiġu promossi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli u tkabbir sostenibbli. Għalhekk, ir-riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika żżomm l-objettivi fundamentali tad-dixxiplina baġitarja u s-sostenibbiltà tad-dejn stabbiliti fit-TSKG.

(24) Huma meħtieġa dispożizzjonijiet tranżitorji għall-Istati Membri li huma taħt PDE meta jidħol fis-seħħ il-qafas riformat. Ir-rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 126(7) tat-TFUE u l-avviżi skont l-Artikolu 126(9) tat-TFUE li ġew adottati qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju jkollhom bżonn jiġu riveduti sabiex jiġu allinjati mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(4) u tal-Artikolu 5(1) emendati. Dan jippermetti lill-Kunsill jistabbilixxi perkors tan-nefqa netta korrettiva konsistenti mad-dispożizzjonijiet il-ġodda għall-Istati Membri li jkunu ħadu azzjoni, mingħajr ma jħaffu l-proċedura ta' defiċit eċċessiv.

(25) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1467/97 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1467/97 huwa emendat kif ġej:

---

8 It-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja tat-2 ta' Marzu 2012.

9 Il-Komunikazzjoni COM(2012) 342 final tal-20 ta' Ġunju 2012 tal-Kummissjoni "Prinċipji komuni dwar mekkaniżmi nazzjonali ta' korrezzjoni fiskali".

(1) L-Artikoli 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

*"Artikolu 1*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet biex titħaffef u tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv. L-objettiv tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv huwa li jiġu evitati defiċits eċċessivi tal-gvern u, jekk iseħħu, li tinkoraġġixxi ulterjorament il-korrezzjoni tagħhom, meta l-konformità mad-dixxiplina baġitarja tkun eżaminata abbażi tad-defiċit tal-gvern u l-kriterji tad-dejn tal-gvern.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Stati Membri parteċipanti" tfisser dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro;

(b) "nefqa netta" tfisser in-nefqa tal-gvern netta min-nefqa fuq l-imgħax, mill-miżuri diskrezzjonali tad-dħul u minn varjabbli baġitarji oħrajn barra mill-kontroll tal-gvern, kif definit fl-Anness II, il-punt (a) tar-Regolament (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-parti preventiva]*;

(c) "trajettorja teknika" tfisser it-trajettorja netta min-nefqa mressqa mill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament (UE) [dwar il-parti preventiva];

(d) "perkors tan-nefqa netta" tfisser it-trajettorja pluriennali għan-nefqa netta ta' Stat Membru kif stabbilit mill-Kunsill f'konformità mar-Regolament (UE) [dwar il-parti preventiva];

(e) "kont ta' kontroll" tfisser rekord tad-devjazzjonijiet akkumulati ta' Stat Membru tan-nefqa netta attwali mill-perkors tan-nefqa netta.

*Artikolu 2*

1. L-eċċess ta' defiċit tal-gvern 'il fuq mill-valur referenzjarju għandu jitqies bħala eċċezzjonali, f'konformità mal-Artikolu 126(2), it-tieni inċiż, il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), meta l-Kunsill ikun stabbilixxa l-eżistenza ta' reċessjoni ekonomika severa fiż-żona tal-euro jew fl-Unjoni kollha kemm hi f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) [dwar il-parti preventiva] jew ta' ċirkostanzi eċċezzjonali barra mill-kontroll tal-gvern b'impatt kbir fuq il-finanzi pubbliċi tal-Istat Membru konċernat, f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) [dwar il-parti preventiva].

Minbarra dan, l-eċċess 'il fuq mill-valur ta' referenza għandu jitqies bħala temporanju jekk il-previżjonijiet baġitarji kif previsti mill-Kummissjoni jindikaw li d-defiċit se jaqa' taħt il-valur referenzjarju wara t-tmiem tar-reċessjoni ekonomika severa jew iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali msemmija fl-ewwel subparagrafu.

1a. Meta dan jaqbeż il-valur referenzjarju, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-prodott domestiku gross (PDG) għandu jitqies bħala li qiegħed jonqos biżżejjed u li qiegħed joqrob lejn il-valur referenzjarju b'pass sodisfaċenti f'konformità mal-Artikolu 126(2), il-punt (b), tat-TFUE jekk l-Istat Membru konċernat jirrispetta l-perkors tan-nefqa netta tiegħu.

2. Il-Kummissjoni u l-Kunsill, meta jivvalutaw u jiddeċiedu dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv f'konformità mal-Artikolu 126(3) sa (6) tat-TFUE, jistgħu jikkunsidraw eċċess 'il fuq mill-valur referenzjarju li jirriżulta minn reċessjoni ekonomika severa bħala eċċezzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 126(2), il-punt (a), tat-TFUE meta l-Kunsill jistabbilixxi l-eżistenza ta' ċirkostanzi eċċezzjonali f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) [dwar il-parti preventiva].

3. Il-Kummissjoni, meta tħejji rapport skont l-Artikolu 126(3) tat-TFUE, għandha tqis bħala fattur rilevanti ewlieni l-grad ta' sfidi tad-dejn fl-Istat Membru konċernat. B'mod partikolari, meta l-Istat Membru jiffaċċja sfidi sostanzjali ta' dejn pubbliku skont il-Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn l-aktar riċenti, dan għandu jitqies bħala fattur ewlieni li jwassal għall-ftuħ ta' proċedura ta' defiċit eċċessiv bħala regola.

Il-Kummissjoni għandha tqis ukoll il-fatturi l-oħrajn kollha li huma rilevanti kif indikat fl-Artikolu 126(3) tat-TFUE, sakemm dawn jaffettwaw b'mod sinifikanti l-valutazzjoni tal-konformità mal-kriterji tad-defiċit u tad-dejn mill-Istat Membru konċernat.

Ir-rapport għandu jirrifletti, kif xieraq:

(a) l-iżviluppi fil-pożizzjoni ekonomika fuq perjodu medju ta' żmien, b'mod partikolari l-iżviluppi fl-inflazzjoni u l-iżviluppi ċikliċi meta mqabbla mas-suppożizzjonijiet sottostanti għall-perkors tan-nefqa netta;

(b) l-iżviluppi fil-pożizzjonijiet baġitarji fuq perjodu medju ta' żmien, inkluż, b'mod partikolari, id-daqs tad-devjazzjoni attwali mill-perkors tan-nefqa netta, f'termini annwali u kumulattivi kif imkejla mill-kont ta' kontroll, u l-punt sa fejn id-devjazzjoni hija dovuta għal reċessjoni ekonomika severa fiż-żona tal-euro jew fl-Unjoni kollha kemm hi jew għal ċirkostanzi eċċezzjonali barra mill-kontroll tal-gvern b'impatt kbir fuq il-finanzi pubbliċi tal-Istat Membru konċernat f'konformità mal-Artikoli 24 u 25 tar-Regolament (UE) [dwar il-parti preventiva]. Meta jkun rilevanti, għandha titqies ukoll id-devjazzjoni mqabbla mat-trajettorja teknika meta jiġi kkunsidrat id-daqs tad-devjazzjoni;

(c) l-evoluzzjoni tal-pożizzjoni tad-dejn tal-gvern u l-finanzjament tagħha, u l-fatturi ta' riskju relatati, b'mod partikolari l-istruttura tal-maturità, id-denominazzjoni tal-munita tad-dejn u l-obbligazzjonijiet kontinġenti;

(d) l-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti inkluż, b'mod partikolari, il-politiki għall-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi u l-politiki biex tiġi implimentata l-istrateġija komuni għat-tkabbir u għall-impjiegi tal-Unjoni inkluż dawk appoġġati minn NextGenerationEU, u l-kwalità ġenerali tal-finanzi pubbliċi, b'mod partikolari l-effettività tal-oqfsa baġitarji nazzjonali.

Il-Kummissjoni għandha tagħti kunsiderazzjoni xierqa u espliċita lil kwalunkwe fattur ieħor li, fl-opinjoni tal-Istat Membru konċernat huwa rilevanti sabiex tiġi vvalutata b'mod komprensiv il-konformità mal-kriterji tad-defiċit u tad-dejn u li l-Istat Membru jkun ressaq quddiem il-Kunsill u l-Kummissjoni. F'dak il-kuntest, għandha tingħata kunsiderazzjoni partikolari lill-kontribuzzjonijiet finanzjarji għat-trawwim tas-solidarjetà internazzjonali u għall-ilħuq tal-għanijiet ta' politika tal-Unjoni. L-opinjoni ppreżentata lill-Kummissjoni mill-Istat Membru konċernat għandha tinkludi l-opinjoni tal-istituzzjoni fiskali indipendenti nazzjonali tiegħu dwar il-fatturi rilevanti.

4. Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jagħmlu valutazzjoni ġenerali bilanċjata tal-fatturi rilevanti kollha, speċifikament il-limitu sa fejn dawn jaffettwaw il-valutazzjoni tal-konformità mal-kriterji tad-defiċit u/jew tad-dejn bħala fatturi ta' aggravazzjoni jew ta' mitigazzjoni.

Meta jivvalutaw il-konformità abbażi tal-kriterju tad-defiċit, jekk il-proporzjon tad-dejn tal-gvern għall-PDG jaqbeż il-valur referenzjarju, għandhom jitqiesu dawk il-fatturi fil-passi li jwasslu għad-deċiżjoni rigward l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv kif previst fl-Artikolu 126(4), (5) u (6) tat-TFUE biss jekk il-kundizzjoni doppja tal-prinċipju ġenerali — li, qabel ma jitqiesu dawn il-fatturi rilevanti, id-defiċit tal-gvern estiż jibqa' qrib il-valur referenzjarju u l-eċċess tiegħu 'il fuq mill-valur referenzjarju jkun temporanju — tiġi ssodisfata b'mod sħiħ.

Madanakollu, għandu jittieħed kont ta' dawk il-fatturi fil-passi li jwasslu għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv meta tiġi vvalutata l-konformità abbażi tal-kriterju tad-dejn.

5. Meta l-Istati Membri jitħallew jiddevjaw mill-perkors tan-nefqa netta tagħhom fil-każ ta' reċessjoni ekonomika severa fiż-żona tal-euro jew fl-Unjoni kollha skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) [dwar il-parti preventiva], il-Kummissjoni u l-Kunsill, fil-valutazzjoni tagħhom, jistgħu jiddeċiedu li ma jikkonkludux dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv.

6. Jekk il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi skont l-Artikolu 126(6) tat-TFUE, jiddeċiedi li jeżisti defiċit eċċessiv fi Stat Membru, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom, fil-passi proċedurali sussegwenti ta' dak l-Artikolu tat-TFUE, jikkunsidraw il-fatturi rilevanti msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, billi dawn jaffettwaw is-sitwazzjoni tal-Istat Membru konċernat, inkluż kif speċifikat fl-Artikolu 5(2) ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fl-istabbiliment ta' skadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv u eventwalment fl-estensjoni ta' dik l-iskadenza. Madanakollu, dawk il-fatturi rilevanti ma għandhomx jiġu kkunsidrati għad-deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(12) tat-TFUE dwar it-tħassir ta' xi wħud mid-deċiżjonijiet tiegħu jew tad-deċiżjonijiet kollha skont l-Artikolu 126(6) sa (9) u (11) tat-TFUE.";

--------------------------

*Ir-Regolament (UE) […] ta' *[daħħal data] [daħħal it-titolu sħiħ]* (ĠU L …).

(2) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 3*

1. Fi żmien ġimagħtejn mill-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' rapport maħruġ f'konformità mal-Artikolu 126(3) tat-TFUE, il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju għandu jifformola opinjoni f'konformità mal-Artikolu 126(4) tat-TFUE. L-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju għandha ssir pubblika.

2. Filwaqt li titqies bis-sħiħ l-opinjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jekk tqis li jeżisti defiċit eċċessiv, il-Kummissjoni għandha tindirizza opinjoni u proposta lill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 126(5) u (6) tat-TFUE u għandha tinforma lill-Parlament Ewropew b'dan.

3. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv f'konformità mal-Artikolu 126(6) tat-TFUE, bħala regola fi żmien 4 xhur mid-dati ta' rapportar stabbiliti fl-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 479/2009. Meta jiddeċiedi

li jeżisti defiċit eċċessiv, il-Kunsill għandu fl-istess ħin jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Istat Membru konċernat f'konformità mal-Artikolu 126(7) tat-TFUE. Il-Kunsill għandu jagħmel id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu pubbliċi.

4. Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill magħmula f'konformità mal-Artikolu 126(7) tat-TFUE għandha tistabbilixxi skadenza massima ta' 6 xhur għal azzjoni effettiva li trid tittieħed mill-Istat Membru konċernat. Meta l-livell ta' gravità tas-sitwazzjoni jkun jiġġustifikaha, l-iskadenza għal azzjoni effettiva tista' tkun ta' 3 xhur. Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għandha tistabbilixxi wkoll skadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv. Fir-rakkomandazzjoni tiegħu, il-Kunsill għandu jitlob ukoll li l-Istat Membru jimplimenta perkors tan-nefqa netta korrettiva biex jiżgura li d-defiċit tal-gvern estiż jibqa' jew jinġieb u jinżamm taħt il-valur referenzjarju sal-iskadenza stabbilita fir-rakkomandazzjoni. Għas-snin meta d-defiċit tal-gvern estiż ikun mistenni jaqbeż il-valur referenzjarju, il-perkors tan-nefqa netta korrettiva għandu jkun konsistenti ma' aġġustament annwali minimu ta' mill-inqas 0,5 % tal-PDG bħala parametru referenzjarju.

Il-perkors tan-nefqa netta korrettiva għandu jpoġġi wkoll il-proporzjon tad-dejn fuq perkors ta' tnaqqis plawżibbli jew iżommu f'livell prudenti filwaqt li jqis il-kriterji stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) [dwar il-parti preventiva]. Il-perkors tan-nefqa netta korrettiva għandu jiżgura li l-isforz annwali medju ta' aġġustament fiskali fl-ewwel 3 snin ikun mill-inqas għoli daqs l-isforz fiskali annwali medju tal-perjodu ta' aġġustament totali.

5. Sal-iskadenza prevista fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirrapporta lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-azzjoni meħuda b'reazzjoni għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) tat-TFUE. Ir-rapport għandu jinkludi l-miri għan-nefqa u għad-dħul tal-gvern u għall-miżuri diskrezzjonarji fin-naħa tan-nefqa u tad-dħul b'mod konsistenti mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, kif ukoll l-informazzjoni dwar il-miżuri meħuda u n-natura ta' dawk previsti biex jintlaħqu l-miri. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll l-opinjoni tal-istituzzjoni fiskali indipendenti tal-Istat Membru konċernat dwar l-adegwatezza tal-miżuri meħuda u previsti fir-rigward tal-miri. L-Istat Membru għandu jagħmel ir-rapport pubbliku.

6. Meta tkun ittieħdet azzjoni effettiva f'konformità ma' rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 126(7) tat-TFUE jew meta jseħħu ċirkostanzi eċċezzjonali barra mill-kontroll tal-gvern b'impatt kbir fuq il-finanzi pubbliċi tal-Istat Membru konċernat, inkluż dwar ir-rispett tal-perkors tan-nefqa netta korrettiva rrakkomandat mill-Kunsill skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, wara l-adozzjoni ta' dik ir-rakkomandazzjoni, il-Kunsill jista' jiddeċiedi, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li jadotta rakkomandazzjoni riveduta skont l-Artikolu 126(7) tat-TFUE. L-avviż rivedut, filwaqt li jqis il-fatturi rilevanti msemmija fl-Artikolu 2(3) ta' dan ir-Regolament jista', b'mod partikolari, jestendi l-iskadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv b'sena bħala regola. F'każ li l-Kunsill ikun stabbilixxa l-eżistenza ta' reċessjoni ekonomika severa fiż-żona tal-euro jew fl-Unjoni kollha kemm hi f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) [dwar il-parti preventiva], il-Kunsill jista' wkoll jiddeċiedi, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, li jadotta rakkomandazzjoni riveduta skont l-Artikolu 126(7) tat-TFUE diment li dan ma jipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju. Ir-rakkomandazzjoni riveduta tista', b'mod partikolari, testendi l-iskadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv b'sena bħala regola.";

(3) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 4*

Il-Kunsill, meta jikkunsidra jekk itteħditx azzjoni effettiva b'reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu magħmula f'konformità mal-Artikolu 126(7) tat-TFUE, għandu jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq ir-rapport ippreżentat mill-Istat Membru konċernat f'konformità mal-Artikolu 3(5) ta' dan ir-Regolament u l-implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll fuq kwalunkwe deċiżjoni oħra mħabbra pubblikament u dettaljata biżżejjed mill-gvern tal-Istat Membru konċernat.

Meta l-Kunsill jistabbilixxi, f'konformità mal-Artikolu 126(8) tat-TFUE, li l-Istat Membru konċernat naqas milli jieħu azzjoni effettiva, dan għandu jirrapporta lill-Kunsill Ewropew dwar dan.";

(4) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Kull deċiżjoni tal-Kunsill biex jingħata avviż lill-Istat Membru parteċipanti konċernat biex jieħu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit f'konformità mal-Artikolu 126(9) tat-TFUE għandha tittieħed fi żmien xahrejn mid-deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(8) tat-TFUE li tistabbilixxi li ma tteħditx azzjoni effettiva. Fl-avviż, il-Kunsill għandu jitlob li l-Istat Membru jimplimenta perkors tan-nefqa netta korrettiva li jiżgura li d-defiċit tal-gvern estiż jibqa' jew jinġieb u jinżamm taħt il-valur referenzjarju sal-iskadenza stabbilita fl-avviż. Għas-snin fejn id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jaqbeż il-valur referenzjarju, il-perkors tan-nefqa netta korrettiva għandu jkun konsistenti ma' aġġustament annwali minimu ta' mill-inqas 0,5 % tal-PDG bħala parametru referenzjarju.

Il-perkors tan-nefqa netta korrettiva għandu jpoġġi wkoll il-proporzjon tad-dejn fuq perkors ta' tnaqqis plawżibbli jew iżommu f'livell prudenti filwaqt li jqis il-kriterji stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) [dwar il-parti preventiva]. Il-perkors tan-nefqa netta korrettiva għandu jiżgura li l-isforz annwali medju ta' aġġustament fiskali fl-ewwel 3 snin ikun mill-inqas għoli daqs l-isforz fiskali annwali medju tal-perjodu ta' aġġustament totali. Il-Kunsill għandu wkoll jindika miżuri li jwasslu għall-ilħuq ta' dak il-perkors tan-nefqa netta korrettiva.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Meta tkun ittieħdet azzjoni effettiva f'konformità ma' avviż skont l-Artikolu 126(9) tat-TFUE jew meta jseħħu ċirkostanzi eċċezzjonali barra mill-kontroll tal-gvern b'impatt kbir fuq il-finanzi pubbliċi tal-Istat Membru konċernat, inkluż fir-rigward tal-perkors tan-nefqa netta korrettiva msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, wara l-adozzjoni ta' dak l-avviż, il-Kunsill jista' jiddeċiedi, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li jadotta avviż rivedut skont l-Artikolu 126(9) tat-TFUE. L-avviż rivedut, filwaqt li jqis il-fatturi rilevanti msemmija fl-Artikolu 2(3) ta' dan ir-Regolament, bħala regola, jista',

b'mod partikolari, jestendi l-iskadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv b'sena. F'każ li l-Kunsill ikun stabbilixxa l-eżistenza ta' reċessjoni ekonomika severa fiż-żona tal-euro jew fl-Unjoni kollha kemm hi f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) [dwar il-parti preventiva], il-Kunsill jista' wkoll jiddeċiedi, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, li jadotta avviż rivedut skont l-Artikolu 126(9) tat-TFUE, bil-kundizzjoni li dan ma jipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju. L-avviż rivedut jista', b'mod partikolari, jestendi l-iskadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv b'sena bħala regola.";

(5) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kunsill, meta jikkunsidra jekk ittieħditx azzjoni effettiva b'reazzjoni għall-avviż tiegħu magħmul f'konformità mal-Artikolu 126(9) tat-TFUE, għandu jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq ir-rapport ippreżentat mill-Istat Membru konċernat f'konformità mal-Artikolu 5(1a) ta' dan ir-Regolament u l-implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll fuq kull deċiżjoni oħra mħabbra pubblikament u dettaljata biżżejjed mill-gvern tal-Istat Membru konċernat. Ir-riżultat tal-missjoni ta' sorveljanza mwettaq mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10a ta' dan ir-Regolament għandu jiġi kkunsidrat.";

(6) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 8*

1. Kull deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(11) tat-TFUE biex jintensifika s-sanzjonijiet għandha tittieħed mhux aktar tard minn xahrejn wara d-dati tar-rapportar skont ir-Regolament (KE) Nru 479/2009.

2. Kull deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(12) tat-TFUE biex jitħassru wħud mid-deċiżjonijiet tiegħu jew id-deċiżjonijiet kollha tiegħu għandha tittieħed malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn xahrejn wara d-dati tar-rapportar skont ir-Regolament (KE) Nru 479/2009.

3. Deċiżjoni tal-Kunsill għandha tittieħed biss skont l-Artikolu 126(12) tat-TFUE meta l-previżjonijiet baġitarji kif previst mill-Kummissjoni jindikaw li d-defiċit ikun inġib b'mod durabbli taħt il-valur referenzjarju u, meta l-proċedura ta' defiċit eċċessiv tkun inbdiet abbażi tal-kriterju tad-dejn, l-Istat Membru konċernat irrispetta l-perkors tan-nefqa netta korrettiva stabbilit mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 3(4) jew l-Artikolu 5(1) ta' dan ir-Regolament matul is-sentejn preċedenti u huwa mistenni li jkompli jagħmel dan fis-sena attwali abbażi tat-tbassir tal-Kummissjoni.";

(7) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-proċedura ta' defiċit eċċessiv għandha tinżamm sospiża:

(a) meta l-Istat Membru konċernat jaġixxi f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet magħmula f'konformità mal-Artikolu 126(7) tat-TFUE;

(b) Meta l-Istat Membru parteċipanti konċernat jaġixxi f'konformità mal-avviżi mogħtija f'konformità mal-Artikolu 126(9) tat-TFUE.";

(8) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 10*

1. Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jimmonitorjaw b'mod regolari l-implimentazzjoni tal-azzjoni meħuda:

- mill-Istat Membru konċernat bi tweġiba għar-rakkomandazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 126(7) tat-TFUE;

- mill-Istat Membru parteċipanti kkonċernat bi tweġiba għall-avviżi mogħtija skont l-Artikolu 126(9) tat-TFUE.

2. Meta azzjoni minn Stat Membru parteċipanti ma tkunx qiegħda tiġi implimentata jew, fil-fehma tal-Kunsill, tkun qiegħda turi li ma hijiex adegwata, il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni minnufih skont l-Artikolu 126(9) tat-TFUE jew l-Artikolu 126(11) tat-TFUE rispettivament.

3. Meta d-*data* attwali skont ir-Regolament (KE) Nru 479/2009 tindika li defiċit eċċessiv ma jkunx ġie kkoreġut minn Stat Membru parteċipanti fil-limiti ta' żmien speċifikati jew fir-rakkomandazzjonijiet maħruġa skont l-Artikolu 126(7) tat-TFUE jew fl-avviżi maħruġa skont l-Artikolu 126(9) tat-TFUE, il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni minnufih skont l-Artikolu 126(9) tat-TFUE jew l-Artikolu 126(11) tat-TFUE rispettivament.";

(9) L-Artikolu 10a huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura djalogu permanenti mal-awtoritajiet tal-Istati Membri f'konformità mal-objettivi ta' dan ir-Regolament. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha, b'mod partikolari, twettaq missjonijiet għall-fini tal-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika attwali fl-Istat Membru u l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe riskju jew diffikultà ta' konformità mal-objettivi ta' dan ir-Regolament u tippermetti skambju ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn, inkluż l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti nazzjonali.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Wara l-adozzjoni mill-Kunsill ta' avviż skont l-Artikolu 126(9) tat-TFUE, il-Kummissjoni għandha twettaq missjoni ta' sorveljanza dedikata fl-Istat Membru konċernat biex tiddiskuti l-miżuri li l-Istat Membru jkun beħsiebu jieħu b'reazzjoni għall-miżuri meqjusa meħtieġa b'segwitu għall-avviż skont l-Artikolu 126(9) tat-TFUE. Fuq stedina mill-parlament tal-Istat Membru konċernat, il-Kummissjoni tista' tippreżenta l-valutazzjoni tagħha tas-sitwazzjoni ekonomika u fiskali fl-Istat Membru. Tista' ssir sorveljanza msaħħa għal Stati Membri li jkunu s-suġġett ta' rakkomandazzjonijiet u avviżi b'segwitu għal deċiżjoni skont l-Artikolu 126(8) tat-TFUE u deċiżjonijiet skont l-Artikolu 126(11) tat-TFUE għall-finijiet ta' monitoraġġ fuq il-post. L-Istati Membri konċernati għandhom jipprovdu

l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-preparazzjoni u għat-twettiq tal-missjoni ta' sorveljanza.";

(10) L-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 12*

1. L-ammont tal-multa għandu jammonta għal sa 0,05 % tal-PDG għal perjodu ta' 6 xhur u għandu jitħallas kull 6 xhur sakemm il-Kunsill jivvaluta li l-Istat Membru konċernat ikun ħa azzjoni effettiva b'reazzjoni għall-avviż maħruġ skont l-Artikolu 126(9) tat-TFUE.

2. F'kull perjodu ta' 6 xhur wara dak li fih tiġi imposta multa, sa meta tiġi revokata d-deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv, il-Kunsill għandu jivvaluta jekk l-Istat Membru parteċipanti konċernat ikunx ħa azzjoni effettiva b'reazzjoni għall-avviż tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 126(9) tat-TFUE. F'din il-valutazzjoni semiannwali, il-Kunsill għandu jiddeċiedi, f'konformità mal-Artikolu 126(11) tat-TFUE, li jintensifika s-sanzjonijiet, diment li l-Istat Membru parteċipanti kkonċernat ma jkunx ikkonforma mal-avviż tal-Kunsill.

3. L-ebda ammont ta' multi kumulat imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ma għandu jaqbeż 0,5 % tal-PDG.";

(11) L-Artikoli 14 u 15 huma sostitwiti b'dan li ġej:

*"Artikolu 14*

1. F'konformità mal-Artikolu 126(12) tat-TFUE, il-Kunsill għandu jħassar is-sanzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 126(11), l-ewwel u t-tieni inċiż, tat-TFUE skont kemm ikun sinifikanti l-progress li jkun għamel l-Istat Membru parteċipanti konċernat fil-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv.

*Artikolu 15*

F'konformità mal-Artikolu 126(12) tat-TFUE, il-Kunsill għandu jħassar is-sanzjonijiet kollha pendenti jekk id-deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv titħassar. Il-multi imposti f'konformità mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament ma jingħatawx lura lill-Istat Membru parteċipanti konċernat.";

(12) L-Artikoli 16 u 17 jitħassru.

(13) fl-Artikolu 17a, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'li ġej:

"1. Sal-31 ta' Diċembru 2030 u kull 5 snin wara, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Dak ir-rapport għandu jirrieżamina mill-inqas:

(a) l-effettività ta' dan ir-Regolament;

(b) il-progress sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni iktar mill-qrib tal-politiki ekonomiċi u konverġenza sostnuta tal-prestazzjonijiet ekonomiċi tal-Istati Membri f'konformità mat-TFUE.

2. Meta jkun xieraq, ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun akkumpanjat minn proposta għal emendi għal dan ir-Regolament.

3. Ir-rapport għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.";

(14) jiddaħħal l-Artikolu 17b li ġej:

*"Artikolu 17b*

Il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, għandu jadotta rakkomandazzjoni riveduta skont l-Artikolu 126(7) tat-TFUE jew avviż rivedut skont l-Artikolu 126(9) tat-TFUE lill-Istati Membri soġġetti għal rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 126(7) tat-TFUE jew għal avviż skont l-Artikolu 126(9) tat-TFUE fi [data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament emendatorju], u li jkunu ħadu azzjoni effettiva.

Dan għandu jadotta r-rakkomandazzjoni jew l-avviż rivedut flimkien mal-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) [dwar il-parti preventiva] li tistabbilixxi l-perkors tan-nefqa netta.";

(15) l-Anness jitħassar.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ [...] jiem wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*